**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 422/2023MD**

**Michael Debono Limited (C 10002)**

**Vs**

**Austin Michael Vickers (ID 0186011A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-21 ta' Novembru, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut iħallas is-somma ta' erbat'elef, tminn mija, ħames Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżimu (€4,805.21) rappreżentanti bilanċ dovut fuq prezz tal-vettura Ford bic-Chassis No. WFORXXGAJRBD85624 li s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat lil konvenut skond *Hire Purchase Agreement* tal-24 ta' Marzu, 2021; bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra bonarja, tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 2449/2023 *ai termini* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 2157/2023, u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduti tat-30 ta' Mejju, 2024,[2] u tal-11 ta' Ġunju, 2024[3].

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2024[4] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024.[5]

Sema x-xhieda ta' Isaac Debono li kkonferma li l-ammont ta' erbat'elef, tminn mija, ħames Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżimu (€4,805.21) għadu dovut u ilu dovut mill-1 ta' April, 2023[6].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviż li jindika l-bilanċ dovut fuq prezz tal-vettura Ford bix-Chassis No. WFORXXGAJRBD85624 li s-soċjeta attriċi biegħet u kkonsenjat lil konvenut skond *Hire Purchase Agreement* tal-24 ta' Marzu, 2021[7], u mix-xhieda tal-Isaac Debono.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' erbat'elef, tminn mija, ħames Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżimu (€4,805.21) fuq prezz tal-vettura Ford bic-Chassis No. WFORXXGAJRBD85624 li s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat lil konvenut skond *Hire Purchase Agreement* tal-24 ta' Marzu, 2021, bl-imgħax dekorribbli mil-1 ta' April, 2023[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, tal-ittra uffiċjali bin-numru 2449/2023 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2157/2023 jitħallsu unikament mill-konvenut[9].

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[2] *A fol* 29 tal-proċess.
[3] *A fol* 31 tal-proċess.
[4] *A fol* 30 tal-proċess.
[5] *A fol* 31 tal-proċess.
[6] *Ibid*.
[7] *A fol* 4 *et seq* tal-proċess.
[8] Mix-xhieda ta' Isaac Debono, *a fol* 31 tal-proċess.
[9] Mill-atti ma tirriżultax prova dwar l-ispejjeż tal-ittra bonarja msemmija.